

EBA/GL/2017/15

23/02/2018

Linji Gwida

dwar klijenti konnessi skont l-
Artikolu 4(1)(39) tar-Regolament (UE)
Nru 575/2013

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 23/04/2018.
4. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2017/15'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
5. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw l-approċċ li għandhom jieħdu l-istituzzjonijiet, kif definiti skont il-punt (3) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, meta japplikaw ir-rekwiżit biex jiġbru flimkien żewġ klijenti jew aktar fi "grupp ta' klijenti konnessi" peress li dawn jikkostitwixxu riskju waħdieni skont l-Artikolu 4(1)(39) ta' dak ir-Regolament.

Destinatarji

7. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1093/2010.

Definizzjonijiet

8. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2013/36/UE għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida.

3. Implimentazzjoni

Data ta'applikazzjoni

9. Dawn il-linji gwida jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2019.

Tħassir

10. B'effett mill-1 ta' Jannar 2019 jitħassru l-“Linji Gwida dwar l-implimentazzjoni tar-reġim rivedut tal-iskoperturi l-kbar” tas-CEBS, tal-11 ta' Diċembru 2009.

4. Gruppi ta' klijenti konnessi abbażi tal-kontroll

11. Meta japplikaw l-Artikolu 4(1)(39)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet huma meħtieġa jassumu li żewġ klijenti jew aktar jikkostitwixxu riskju waħdieni meta jkun hemm relazzjoni ta' kontroll bejniethom.

12. F'każijiet eċċezzjonali, meta l-istituzzjonijiet ikunu kapaċi juri li ma jeżisti l-ebda riskju waħdieni minkejja l-eżistenza ta' relazzjoni ta' kontroll bejn il-klijenti, l-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw iċ-ċirkostanzi rilevanti li jiġġustifikaw dan il-każ b'mod dettaljat u komprensiv. Pereżempju, f'każijiet speċifiċi fejn entità bi skop speċjali li tkun ikkontrollata minn klijent ieħor (pereżempju oriġinatur) tkun kompletament delimitata u 'l bogħod milli tfalli – sabiex ma jkun hemm l-ebda mezz possibbli ta' kontagġu, u b'hekk l-ebda riskju waħdieni, bejn l-entità bi skop speċjali u l-entità kontrollanti – jista' jkun possibbli li jintwera li ma jeżisti l-ebda riskju waħdieni (ara x-xenarju C 1 fl-Anness).

13. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-kunċett tal-kontroll kif definit fl-Artikolu 4(1)(37) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ġej:

- a) Fir-rigward tal-klijenti li jħejju r-rapporti finanzjarji konsolidati tagħhom f'konformità mar-regoli nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2013/34/UE², l-istituzzjonijiet għandhom jiddependu fuq ir-relazzjoni ta' kontroll bejn impriża omm u s-sussidjarji tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 22(1) u (2) tad-Direttiva 2013/34/UE. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jiġbru flimkien il-klijenti kif xieraq abbażi tar-rapporti finanzjarji konsolidati tal-klijenti tagħhom. Għal dan il-għan, ir-referenzi għad-Direttiva 2013/34/UE għandhom jinftiehem b'halha referenzi għar-regoli nazzjonali li ttrasponew id-Direttiva 2013/34/UE fl-Istat Membru fejn il-klijenti tal-istituzzjonijiet huma meħtieġa jħejju r-rapporti finanzjarji konsolidati tagħhom.
- b) Fir-rigward tal-klijenti li jħejju r-rapporti finanzjarji konsolidati tagħhom f'konformità mal-istandards kontabilistiċi internazzjonali adottati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, l-istituzzjonijiet għandhom jiddependu fuq ir-relazzjoni ta' kontroll bejn impriża omm u s-sussidjarji tagħha skont it-tifsira ta' dawk l-istandards kontabilistiċi. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jiġbru flimkien il-klijenti kif xieraq abbażi tar-rapporti finanzjarji konsolidati tal-klijenti tagħhom.
- c) Fir-rigward tal-klijenti li għalihom ma japplikawx il-punt (a) jew il-punt (b) ta' dan il-paragrafu (pereżempju persuni fiżiċi, gvernijiet ċentrali, u klijenti li jħejju rapporti finanzjarji konsolidati skont ir-regoli kontabilistiċi ta' pajjiż terz), l-istituzzjonijiet

² L-Artikolu 22(1) u (2) tad-Direttiva 2013/34/UE ssostitwixxa l-kontenut tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 83/349/KEE, imsemmi fl-Artikolu 4(1)(37) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Skont l-Artikolu 52 tad-Direttiva 2013/34/UE, ir-referenzi għad-Direttiva rrevokata għandhom jiġu interpretati b'halha referenzi għad-Direttiva 2013/34/UE u għandhom jinqraw skont it-tabelli ta' korrelazzjoni fl-Anness VII tagħha.

għandhom iqisu li huma relazzjonijiet ta' kontroll dawk ir-relazzjonijiet ta' bejn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika u impriża li huma simili għar-relazzjonijiet ta' bejn l-impriża omm/sussidjarja msemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu.

Meta jwettqu din il-valutazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin biex jistabbilixxu relazzjoni ta' kontroll:

- i. iż-żamma tal-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'entità oħra;
- ii. id-dritt jew il-kapaċità li tinħatar jew titneħħa maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' entità oħra;
- iii. id-dritt jew il-kapaċità li tiġi eżerċitata influwenza dominanti fuq entità oħra skont kuntratt, jew dispożizzjonijiet f'memoranda jew statut ta' assoċjazzjoni.

Indikaturi possibbli oħrajn ta' kontroll li l-istituzzjonijiet għandhom iqisu fil-valutazzjoni tagħhom jinkludu dan li ġej:

- iv. is-setgħa li tittieħed deċiżjoni dwar l-istrateġija jew li jitmexxew l-attivitajiet ta' entità;
- v. is-setgħa li tittieħed deċiżjoni dwar tranżazzjonijiet kruċjali, bħat-trasferiment tal-profitt jew it-telf;
- vi. id-dritt jew il-kapaċità li jiġi kkoordinat il-maniġment ta' entità ma' dak ta' entitajiet oħrajn bl-għan li jintlaħaq objettiv komuni (pereżempju meta l-istess persuni fiżiċi jkunu involuti fil-maniġment jew fil-bord ta' żewġ entitajiet jew aktar);
- vii. iż-żamma ta' aktar minn 50 % tal-ishma ta' kapital ta' entità oħra.

14. Peress li l-fattur deċiżiv għall-valutazzjoni tal-eżistenza ta' relazzjoni ta' kontroll huma l-kriterji kontabilistiċi jew l-indikaturi ta' kontroll stabbiliti fil-paragrafu 13(a), (b) u (c), l-istituzzjonijiet għandhom jiġbru flimkien żewġ kljenti jew aktar għall-fini ta' relazzjoni ta' kontroll, kif deskritt f'din it-taqsim, anke meta dawn il-kljenti ma jkunux inklużi fl-istess rapporti finanzjarji konsolidati minħabba li għalihom japplikaw l-eżenzjonijiet skont ir-regoli kontabilistiċi rilevanti, pereżempju skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2013/34/UE.

15. L-istituzzjonijiet għandhom jiġbru flimkien żewġ kljenti jew aktar fi grupp ta' kljenti konnessi għall-fini ta' relazzjoni ta' kontroll bejn dawn il-kljenti irrispettivament minn jekk l-iskoperturi għal dawn il-kljenti jkunux eżentati mill-applikazzjoni tal-limitu tal-iskoperturi kbar skont l-Artikolu 400(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew f'konformità mal-eżenzjonijiet skont ir-regoli nazzjonali li jimplementaw l-Artikolu 493(3) ta' dak ir-Regolament.

5. Approċċ alternattiv għall-iskoperturi għall-gvernijiet ċentrali

16. F'konformità mad-definizzjoni ta' "grupp ta' kljenti konnessi" skont l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 4(1)(39) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet jistgħu jivvalutaw l-eżistenza ta' grupp ta' kljenti konnessi b'mod separat għal kull persuna kkontrollata b'mod dirett mill-gvern ċentrali jew interkonnessa b'mod dirett mal-gvern ċentrali ("approċċ alternattiv").³

17. L-istess dispożizzjoni tippermetti applikazzjoni parzjali tal-approċċ alternattiv, filwaqt li tivvaluta b'mod separat il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kkontrollati b'mod dirett mill-gvern ċentrali jew interkonnessi b'mod dirett mal-gvern ċentrali (ara x-xenarju CG 1 fl-Anness).

18. Id-dispożizzjoni tagħmilha ċara li:

a) Il-gvern ċentrali huwa inkluż f'kull wieħed mill-gruppi ta' kljenti konnessi identifikati b'mod separat għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kkontrollati b'mod dirett mill-gvern ċentrali jew interkonnessi b'mod dirett mal-gvern ċentrali (ara x-xenarju CG 2 fl-Anness).

b) Kull grupp ta' kljenti konnessi skont il-punt (a) jinkludi wkoll persuni kkontrollati mill-persuna jew interkonnessi mal-persuna li hija kkontrollata b'mod dirett mill-gvern ċentrali jew interkonnessa b'mod dirett mal-gvern ċentrali (ara x-xenarju CG 3 fl-Anness).

19. Meta l-entitajiet ikkontrollati b'mod dirett mill-gvern ċentrali jew interkonnessi b'mod dirett mal-gvern ċentrali jkunu jiddependu fuq xulxin b'mod ekonomiku, dawn għandhom jiffurmaw gruppi separati ta' kljenti konnessi (bl-esklużjoni tal-gvern ċentrali), flimkien mal-gruppi ta' kljenti konnessi ffurmati skont l-approċċ alternattiv (ara x-xenarju CG 4 fl-Anness).

20. F'konformità mal-aħħar sentenza tal-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 4(1)(39) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, din it-taqsimha tal-linji gwida hija applikabbli wkoll għall-gvernijiet reġjonali jew għall-awtoritajiet lokali li għalihom japplika l-Artikolu 115(2) ta' dak ir-Regolament, u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kkontrollati jew interkonnessi b'mod dirett ma' dawn il-gvernijiet reġjonali jew l-awtoritajiet lokali.

³ Skont l-Artikolu 400(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-entrati ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fil-konfront tal-gvernijiet ċentrali, li meta ma jkunux iggarantiti jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 0% skont l-approċċ standardizzat, jiġu eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 395(1) (limiti għal skoperturi kbar) tal-istess regolament.

6. L-istabbiliment tal-interkonnnettività abbażi tad-dipendenza ekonomika

21. Meta jivvalutaw l-interkonnnettività bejn il-klijenti tagħhom abbażi ta' dipendenza ekonomika, skont l-Artikolu 4(1)(39)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ, b'mod partikolari jekk id-diffikultajiet finanzjarji jew il-falliment ta' klijent jirriżultawx f'diffikultajiet ta' finanzjament jew ta' ħlas lura għal klijent ieħor (ara x-xenarji E 1, E 2, E 3 u E 4 fl-Anness).
22. Meta istituzzjoni tkun kapaċi turi li d-diffikultajiet finanzjarji jew il-falliment ta' klijent ma jirriżultawx f'diffikultajiet ta' finanzjament jew ta' ħlas lura għal klijent ieħor, dawn il-klijenti ma għandhomx għalfejn jitqiesu bħala riskju waħdieni. Barra minn hekk, żewġ klijenti ma għandhomx għalfejn jitqiesu bħala riskju waħdieni jekk klijent ikun ekonomikament dipendenti fuq klijent ieħor b'mod limitat, li jfisser li l-klijent jista' faċilment isib sostituzzjoni għall-klijent l-ieħor.
23. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu, b'mod partikolari, is-sitwazzjonijiet li ġejjin meta jivvalutaw id-dipendenza ekonomika:
- Meta klijent ikun iggarantixxa bis-sħiħ jew parzjalment l-iskopertura ta' klijent ieħor u l-iskopertura tant tkun sinifikanti għall-garanti illi x'aktar il-garanti jesperjenza problemi finanzjarji jekk issir pretensjoni.⁴
 - Meta klijent ikun responsabbli skont l-istatus legali tiegħu jew tagħha bħala membru f'entità, pereżempju msieħeb solidali f'soċjetà limitata, u l-iskopertura tant tkun sinifikanti għall-klijent li x'aktarx il-klijent jesperjenza problemi finanzjarji jekk issir pretensjoni kontra l-entità.
 - Meta parti sinifikanti mill-irċevuti gross jew l-infiq gross ta' klijent (fuq bażi annwali) tkun derivata minn tranżazzjonijiet ma' klijent ieħor (pereżempju s-sid ta' proprjetà residenzjali/kummerċjali li l-kerrej tagħha jħallas parti sinifikanti mill-kera) li ma jistax jiġi sostitwit faċilment.
 - Meta parti sinifikanti mill-produzzjoni/l-output ta' klijent tinbiegħ lil klijent ieħor tal-istituzzjoni, u l-produzzjoni/l-output ma jkunux jistgħu jinbiegħu faċilment lil klijenti oħrajn.
 - Meta s-sors ta' fondi mistenni sabiex jitħallas lura s-self ta' żewġ klijenti jew aktar ikun l-istess u l-ebda wieħed mill-klijenti ma jkollu sors indipendenti ta' introjtu ieħor li minnu s-self jista' jiġi mantnut u jitħallas lura kompletament.

⁴ Din is-sitwazzjoni tirreferi għall-garanziji li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà previsti fit-Tielet Parti, Titolu II, Kapitulu IV (Mitigazzjoni tar-Riskju ta' Kreditu) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u, konsegwentement, li, fir-rigward tagħhom, l-approċċ ta' sostituzzjoni (imsemmi fl-Artikolu 403 ta' dak ir-Regolament) ma jistax jintuża għall-finijiet prudenzjali.

- f) Sitwazzjonijiet oħrajn fejn il-klijenti jkunu responsabbli b'mod konġunt b'mod legali jew kuntrattwali għall-obbligi lill-istituzzjoni (pereżempju debitur u l-komutwatarju tiegħu jew tagħha, jew debitur u l-konjuġi/is-sieħeb(sieħba) tiegħu jew tagħha).
- g) Meta parti sinifikanti mir-riċevibbli jew mill-obbligazzjonijiet ta' klijent tkun klijent ieħor.
- h) Meta l-klijenti jkollhom sidien, azzjonisti jew manigġers komuni. Pereżempju, gruppi orizzontali fejn impriża tkun relatata ma' impriża oħra jew aktar minħabba li dawn kollha jkollhom l-istess struttura tal-azzjonisti mingħajr azzjonist kontrollanti wieħed jew minħabba li dawn ikunu ġestiti fuq bażi unifikata. Dan il-manigġment jista' jkun f'konformità ma' kuntratt konkluż bejn l-impriżi, jew dispożizzjonijiet fil-memoranda jew statut ta' assoċjazzjoni ta' dawk l-impriżi, jew jekk il-manigġment amministrattiv jew il-korpi superviżorji tal-impriża u ta' impriża waħda oħra jew aktar jikkonsistu għall-parti ewlenija tal-istess persuni.

24. L-istituzzjonijiet għandhom ukoll iqisu l-lista mhux eżawrjenti ta' sitwazzjonijiet fil-paragrafu 23 meta jivvalutaw il-konnessjonijiet bejn l-entitajiet bankarji "paralleli".⁵ L-istituzzjonijiet għandhom jaqgħtu konsiderazzjoni xierqa għall-fatt li r-relazzjonijiet bejn l-entitajiet li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' entitajiet paralleli aktarx ma jikkonsistux minn rabtiet ta' ekwità iżda minn tip differenti ta' relazzjoni, jiġifieri sitwazzjonijiet ta' kontroll de facto jew relazzjonijiet ikkaratterizzati minn obbligazzjonijiet kuntrattwali, appoġġ impliċitu jew sogru potenzjali għar-reputazzjoni (e.g. sponser jew anki branding).

25. Meta klijent ta' istituzzjonijiet ikun ekonomikament dipendenti fuq aktar minn klijent wieħed, li ma jkunux jiddependu fuq xulxin, l-istituzzjoni għandha tinkludi l-klijenti tal-aħħar fi gruppi separati ta' klijenti konnessi (flimkien mal-klijent dipendenti).

26. L-istituzzjonijiet għandhom jiffurmaw grupp ta' klijenti konnessi meta żewġ klijenti tagħhom jew aktar ikunu ekonomikament dipendenti fuq entità, anke jekk din l-entità ma tkunx klijent tal-istituzzjoni.

27. L-istituzzjonijiet għandhom jiġbru flimkien żewġ klijenti jew aktar fi grupp ta' klijenti konnessi għall-fini ta' dipendenza ekonomika bejn dawn il-klijenti irrispettivament minn jekk l-iskoperturi għal dawn il-klijenti jkunux eżentati mill-applikazzjoni tal-limitu tal-iskoperturi kbar skont l-Artikolu 400(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew f'konformità mal-eżenzjonijiet skont ir-regoli nazzjonali li jimplementaw l-Artikolu 493(3) ta' dak ir-Regolament.

Dipendenza ekonomika permezz ta' sors ewleni ta' finanzjament

28. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu sitwazzjonijiet fejn il-problemi ta' finanzjament ta' klijent wieħed x'aktarx jinxterdu għal ieħor għall-fini ta' dipendenza f'direzzjoni waħda jew fuq żewġ naħat fuq l-istess sors ta' finanzjament. Dan ma jinkludix każijiet fejn il-klijenti jiksbu l-finanzjament mill-istess

⁵ Kif definit fil-linji gwida tal-EBA dwar il-limiti fuq l-iskoperturi għall-entitajiet bankarji "paralleli" li jwettqu attivitajiet bankarji barra qafas regolat skont l-Artikolu 395(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013: <https://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/large-exposures/guidelines-on-limits-on-exposures-to-shadow-banking>

suq (pereżempju s-suq għall-karta kummerċjali) jew fejn id-dipendenza tal-klijenti fuq is-sors ta' finanzjament eżistenti tagħhom tkun ikkawżata mid-deterjorament tal-affidabbiltà kreditizja tal-klijenti, b'tali mod li ma jkunux jistgħu jissostitwixxu faċilment dak is-sors ta' finanzjament.

29.L-istituzzjonijiet għandhom iqisu każijiet fejn is-sors ta' finanzjament komuni li jiddependu fuqu jiġi pprovdut mill-istituzzjoni stess, il-grupp finanzjarju tagħha jew il-partijiet konnessi tagħha (ara x-xenarji E 5 u E 6 fl-Anness)⁶. Il-fatt li l-klijenti jkunu tal-istess istituzzjoni fih innifsu ma joħloqx rekwiżit sabiex il-klijenti jinġabru flimkien jekk l-istituzzjoni li tipprovdi l-finanzjament tkun tista' tiġi sostitwita faċilment.

30.L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw ukoll kwalunkwe kontaġju jew riskju idjosinkratiku li jista' jirriżulta mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- a) l-użu ta' entità waħda ta' finanzjament (pereżempju l-istess bank jew veikolu li ma jistax jiġi sostitwit faċilment);
- b) l-użu ta' strutturi simili;
- c) id-dipendenza fuq impenji minn sors wieħed (pereżempju garanziji, appoġġ ta' kreditu fi tranżazzjonijiet strutturati jew faċilitajiet ta' likwidità mhux impenjati), filwaqt li titqies is-solvenza tiegħu, b'mod partikolari fejn ikun hemm diskrepanzi fil-maturità bejn il-maturità tal-assi sottostanti u l-frekwenza tal-ħtiġijiet ta' rfinanzjament.

⁶ Il-premessa 54 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tistipula li "Meta tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' grupp ta' klijenti konnessi u għaldaqstant ta' espożizzjonijiet li jikkostitwixxu riskju uniku, huwa wkoll importanti li jitqiesu ir-riskji li jirriżultaw minn sors komuni ta' finanzjament sinifikanti pprovdut mill-istituzzjoni ta' kreditu jew mill-intrapriża tal-investment innifisha, il-grupp finanzjarju tagħha jew il-partijiet konnessi tagħha."

7. Relazzjoni bejn l-interkonnnettività permezz tal-kontroll u l-interkonnnettività permezz tad-dipendenza ekonomika

31. L-istituzzjonijiet għandhom l-ewwel jidentifikaw liema klijenti huma konnessi permezz tal-kontroll skont l-Artikolu 4(1)(39)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (“grupp ta’ kontroll”) u liema klijenti huma konnessi permezz tad-dipendenza ekonomika skont l-Artikolu 4(1)(39)(b) tal-istess Regolament. Sussegwentement, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw jekk il-gruppi identifikati ta’ klijenti konnessi humiex meħtieġa li jkunu konnessi (parzjalment) huma stess (pereżempju jekk il-gruppi ta’ klijenti konnessi għall-fini ta’ dipendenza ekonomika humiex meħtieġa li jinġabru flimkien ma’ grupp ta’ kontroll).
32. Fil-valutazzjoni tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu kull każ b’mod separat, jiġifieri jidentifikaw il-katina ta’ kontaġju possibbli (“effett domino”) abbażi taċ-ċirkostanzi individwali (ara x-xenarji C/E 1 u C/E 2 fl-Anness).
33. Meta l-klijenti li jkunu parti minn gruppi ta’ kontroll differenti jkunu interkonnessi permezz tad-dipendenza ekonomika, l-entitajiet kollha li għalihom teżisti katina ta’ kontaġju jeħtieġ li jinġabru flimkien fi grupp wieħed ta’ klijenti konnessi. Meta klijent ikun dipendenti ekonomikament u huwa stess ikun l-kap ta’ grupp ta’ kontroll, għandu dejjem jiġi preżunt kontaġju downstream (ara x-xenarju C/E 3 fl-Anness). Għandu jiġi preżunt kontaġju upstream ta’ klijenti li jikkontrollaw entità ekonomikament dipendenti f’każ biss meta dan il-klijent kontrollanti jkun ukoll ekonomikament dipendenti fuq l-entità li tikkostitwixxi r-rabta ekonomika bejn iż-żewġ gruppi kontrollanti (ara x-xenarju C/E 4 fl-Anness).

8. Proċeduri ta' kontroll u ta' ġestjoni għall-klijenti konnessi identifikati

- 34.L-istituzzjonijiet għandu jkollhom għarfien tajjeb ħafna tal-klijenti tagħhom u tar-relazzjonijiet tal-klijenti tagħhom. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw ukoll li l-persunal tagħhom jifhem u japplika dawn il-linji gwida.
- 35.L-identifikazzjoni ta' konnessjonijiet possibbli bejn il-klijenti għandha tkun parti integrali mill-proċess tal-għoti ta' kreditu u tas-sorveljanza ta' istituzzjoni. Il-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri għandhom jiżguraw li proċessi adegwati għall-identifikazzjoni ta' konnessjonijiet bejn il-klijenti jiġu dokumentati u implimentati.
- 36.L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw ir-relazzjonijiet kollha ta' kontroll bejn il-klijenti tagħhom u jiddokumentaw kif xieraq. L-istituzzjonijiet għandhom ukoll jinvestigaw u jiddokumentaw kif xieraq, kwalunkwe dipendenza ekonomika possibbli bejn il-klijenti tagħhom. L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu passi raġonevoli u jużaw informazzjoni faċilment disponibbli biex jidentifikaw dawn il-konnessjonijiet. Jekk, pereżempju, istituzzjoni ssir taf li l-klijenti tqiesu interkonnessi minn istituzzjoni oħra (pereżempju minħabba l-eżistenza ta' reġistru pubbliku), din għandha tqis dik l-informazzjoni.
- 37.L-isforzi li l-istituzzjonijiet jagħmlu fl-investigazzjoni tad-dipendenzi ekonomiċi bejn il-klijenti tagħhom għandhom ikunu proporzjonati mad-daqs tal-iskoperturi. Għalhekk, l-istituzzjonijiet għandhom isaħħu l-investigazzjonijiet tagħhom, b'riċerka estensiva ta' kwalunkwe tip ta' "informazzjoni mhux vinkolanti" kif ukoll informazzjoni li tmur lil hinn mill-klijenti tal-istituzzjoni, fil-każijiet kollha fejn is-somma tal-iskoperturi kollha għal klijent individwali wieħed taqbeż il-5 % tal-kapital tal-Grad 1.⁷
- 38.Sabiex jivvalutaw ir-rekwiżiti tar-raggruppament abbażi ta' taħlita ta' relazzjonijiet ta' kontroll u ta' dipendenza ekonomika, l-istituzzjonijiet għandhom jiġbru informazzjoni dwar l-entitajiet kollha li jiffurmaw katina ta' kontaġġu. L-istituzzjonijiet jistgħu ma jkunux kapaċi jidentifikaw il-klijenti kollha li jikkostitwixxu riskju waħdieni jekk ikun hemm interkonnessjonijiet li jirriżultaw minn entitajiet li ma jkunux f'relazzjoni ta' negozju mal-istituzzjoni u għalhekk l-istituzzjoni ma tkunx taf dwarhom (ara x-xenarju Mm 1 fl-Anness). Madankollu, jekk istituzzjoni ssir taf bl-interkonnessjonijiet permezz ta' entitajiet barra l-klijentela tagħha, din għandha tuża din l-informazzjoni meta tivvaluta l-konnessjonijiet.
- 39.Il-proċeduri ta' kontroll u ta' ġestjoni għall-identifikazzjoni ta' klijenti konnessi għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni perjodika sabiex tiġi żgurata l-adegwatezza tagħhom. L-istituzzjonijiet

⁷ Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida fuq bażi individwali, il-livell limitu jirreferi għall-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida fuq bażi subkonsolidata jew konsolidata, il-livell limitu jirreferi għall-kapital tal-Grad 1 tal-grupp tal-istituzzjoni.

għandhom ukoll jimmonitorjaw il-bidliet għall-interkonnessjonijiet, tal-inqas fil-kuntest tar-reviżjonijiet perjodiċi tas-self tagħhom u meta tkun ippjanata żieda sostanzjali għal self.


Anness: Illustrazzjonijiet

Ix-xenarji inklużi f'dan l-Anness juru l-applikazzjoni tal-linji gwida għal gruppi ta' klijenti konnessi li jaqgħu taħt id-definizzjoni fl-Artikolu 4(1)(39) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, mill-perspettiva tal-istituzzjoni tar-rapportar.

Gruppi ta' klijenti konnessi abbażi tal-kontroll

Xenarju C 1: Każ eċċezzjonali (ma jeżisti l-ebda riskju waħdieni minkejja l-eżistenza tal-kontroll)

L-istituzzjoni tar-rapportar għandha skoperturi għall-entitajiet kollha murija hawn taħt (A, B, C u D). L-entità A għandha kontroll fuq l-entitajiet B, C u D. Is-sussidjarji B, C u D huma entitajiet bi skop speċjali/ veikolu bi skop speċjali (SPEs/SPVs).




Sabiex tivvaluta jekk m'hemmx riskju waħdieni, minkejja l-eżistenza ta' relazzjoni ta' kontroll, l-istituzzjoni tar-rapportar għandha tivvaluta tal-inqas l-elementi kollha li ġejjin fir-rigward ta' kull wieħed/waħda mill-SPEs/SPVs (entitajiet B, C u D f'dan ix-xenarju):

- i) In-nuqqas ta' interdipendenza ekonomika jew kwalunkwe fattur ieħor li jista' jindika korrelazzjoni materjali pożittiva bejn il-kwalità tal-kreditu tal-impriża omm A u l-kwalità tal-kreditu tal-SPE/SPV (B, C jew D). Fost fatturi oħrajn, dipendenza potenzjali fuq l-impriża omm A għal sorsi ta' finanzjament u wħud mill-kriterji li jipprevjenu d-dekonsolidament tal-SPE/SPV jew l-irtirar tar-rikonoxximent ta' assi titolizzati skont ir-regoli tal-kontabbiltà għandhom jiġu vvalutati bħala sinjali potenzjali ta' korrelazzjoni materjali pożittiva.
- ii) In-natura speċifika tal-SPE/SPV speċjalment id-distanza mill-falliment tagħha/tiegħu (abbażi tal-Artikolu 300(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013) – fis-sens li jeżistu arranġamenti effettivi li jiżguraw li l-assi tal-SPE/SPV mhux ser ikunu disponibbli għall-kredituri tal-impriża omm A fil-każ tal-insolvenza tagħha – u jekk it-titoli ta' dejn maħruġa mill-SPE/SPV normalment jagħmlu referenza għall-assi li huma obbligazzjonijiet ta' partijiet terzi.


- iii) It-titjib strutturali f'titolizzazzjoni u n-nuqqas ta' konnessjoni tal-obbligazzjonijiet tal-SPE/SPV minn dawk tal-impriża omm A, bħall-eżistenza ta' dispożizzjonijiet, fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet, li jiżguraw il-kontinwità tas-servizz u l-kontinwità operazzjonali.
- iv) Il-konformità mad-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 248 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta.

Wara li tivvaluta dawn l-elementi kollha, l-istituzzjoni tar-rapportar tista' tikkonkludi li, pereżempju, is-sussidjarji B u C ma jikkostitwixxux riskju waħdieni mal-impriża omm A. Bħala riżultat, l-istituzzjoni tar-rapportar jeħtieġ li tqis grupp ta' klijenti konnessi magħmul biss minn klijenti A u D. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta dawn il-valutazzjonijiet u s-sejbiet tagħhom b'mod komprensiv.



Approċċ alternattiv għall-iskoperturi għall-gvernijiet ċentrali

Sabiex jintwerew ix-xenarji possibbli, jintuża x-xenarju ġenerali li ġej: il-gvern ċentrali jikkontrolla b'mod dirett erba' persuni ġuridiċi (A, B, C u D). Kull waħda mill-entitajiet A u B stess għandha kontroll dirett fuq żewġ sussidarji (A₁/A₂, B₁/B₂). L-istituzzjoni tar-rapportar għandha skoperturi għall-gvern ċentrali u għall-entitajiet kollha murija.




Central Government

Gvern Ċentrali

Xenarju CG 1: Approċċ alternattiv – użu parzjali


L-istituzzjoni tar-rapportar tista' ma tidentifikax grupp wieħed biss ("gvern ċentrali/A/entitajiet kollha ta' A kkontrollati jew dipendenti") u żżomm it-trattament ġenerali għall-bqija ("gvern ċentrali/B, C u D/entitajiet kollha ta' B ikkontrollati jew dipendenti"):



Central Government

Gvern Ċentrali

Xenarju CG 2: Approċċ alternattiv – użat għall-entitajiet kollha dipendenti b’mod dirett




Central Government

Gvern Ċentrali

Xenarju CG 3: Approċċ alternattiv – applikabbli għall-“ewwel/it-tieni livell”, mhux inqas

Fix-xenarji CG1 u CG2, l-entitajiet A, B, C u D jikkostitwixxu t-“tieni livell”, jiġifieri l-livell direttament taħt il-gvern ċentrali (“l-ewwel livell”). Hawnhekk, hija possibbli konċessjoni mill-grupp kollu tal-klijenti konnessi. Madankollu, l-entitajiet A₁, A₂, B₁ u B₂ huma konnessi direttament biss mal-gvern ċentrali. Konċessjoni fuq il-livell tagħhom mhijiex possibbli (pereżempju jeħtieġ li kemm A₁ kif ukoll A₂ jiġu inklużi fil-grupp “gvern ċentrali/A”):




Central Government

Gvern Ċentrali

Xenarju CG 4: “Konnessjonijiet orizzontali” fuq it-“tieni livell”


F’varjazzjoni tax-xenarju ġenerali t’hawn fuq, l-entitajiet A u B huma ekonomikament dipendenti (diffikultajiet tal-ħlas għal B ikunu kontaġġjużi għal A):




Central Government
Economic dependency

Gvern Ċentrali
Dipendenza ekonomika


Jekk jiġi preżunt li l-istituzzjoni tar-rapportar tuża l-approċċ alternattiv biss b’mod parzjali, kif deskritt fix-xenarju CG 1 t’hawn fuq, jeħtieġ li jitqiesu l-gruppi li ġejjin ta’ kljenti konnessi:



Central Government
Economic dependency




Gvern Ċentrali
Dipendenza ekonomika



L-istabiliment tal-interkonnnettività abbażi tad-dipendenza ekonomika


Xenarju E1: Każ prinċipali

L-istituzzjoni tar-rapportar għandha skoperturi għall-entitajiet kollha murija hawn taħt (A, B, C u D). B, C u D jiddependu ekonomikament fuq A. Għalhekk, il-fattur tar-riskju sottostanti għall-istituzzjoni huwa fil-każijiet kollha A. L-istituzzjoni għandha tiffirma grupp wieħed komprensiv ta' klijenti konnessi, u mhux tliet gruppi individwali. Huwa irrilevanti li m'hemmx dipendenza bejn B, C u D.



Xenarju E 2: Varjazzjoni fuq każ prinċipali (l-ebda skopertura diretta għas-sors tar-riskju)


Hemm rekwiżit tar-raggruppament anke jekk l-istituzzjoni tar-rapportar ma għandhiex skopertura diretta għall-A iżda taf dwar id-dipendenza ekonomika ta' kull klijent (B, C u D) fuq A. Jekk id-diffikultajiet tal-ħlas possibbli għall-A huma kontaġġjużi għall-B, C u D, dawn kollha kemm huma ser jesperjenzaw diffikultajiet tal-ħlas jekk A tidħol fi problemi finanzjarju. Għalhekk, jeħtieġ li dawn jiġu ttrattati bħala riskju waħdieni.




Bħal fix-xenarju E 1, ma jimpurtax li ma hemmx l-ebda dipendenza bejn B, C u D. A tikkawża r-rekwiżit tar-raggruppament, minkejja li din mhijiex klijent fiha nnifisha u għalhekk ma tagħmilx parti mill-grupp ta' klijenti konnessi.

Xenarju E 3: Gruppi mrikkba ta' kljenti konnessi

Jekk entità tkun ekonomikament dipendenti fuq żewġ entitajiet oħrajn (jew aktar) (innota li d-diffikultajiet tal-ħlas ta' waħda mill-entitajiet l-oħrajn (A jew B) jistgħu jkunu biżżejjed biex bħala riżultat ta' dan C tkun f'diffikultà),



din għandha tiġi inkluża fil-gruppi ta' kljenti konnessi taż-żewġ entitajiet (kollha bħal dawn):




L-argument li l-iskopertura għal C ser tingħadd darbtejn mhuwiex validu minħabba li l-iskopertura għal C ma titqiesx riskju waħdieni f'żewġ gruppi separati.

Il-limitu tal-iskopertura kbira japplika b'mod separat (jiġifieri l-limitu japplika darba għall-iskoperturi għall-grupp A/C u darba għall-iskoperturi għall-grupp B/C).

Peress li m'hemm l-ebda dipendenza bejn A u B, jeħtieġ li ma jifforma l-ebda grupp komprensiv (A + B + C).


Xenarju E 4: Katina ta’ dipendenza

Fil-każ ta’ “katina ta’ dipendenza”, l-entitajiet kollha li jkunu ekonomikament dipendenti (anke jekk id-dipendenza tkun f’ direzzjoni waħda biss) jeħtieġ li jiġu ttrattati bħala riskju waħdieni. L-iffurmar ta’ tliet gruppi individwali (A + B, B + C, C + D) ma jkunx xieraq.



Xenarju E 5: L-istituzzjoni tar-rapportar bħala sors ta’ finanzjament (l-ebda rekwiżit ta’ raggruppament)

Fix-xenarju li ġej, l-istituzzjoni tar-rapportar hija l-uniku fornitur tal-fondi għal tliet klijenti. Din mhijiex “sors ta’ finanzjament estern” li jgħaqqad it-tliet klijenti u hija sors ta’ finanzjament li normalment jista’ jiġi sostitwit.




Reporting institution
Loans
Corporate / retail customers of reporting institution

Istituzzjoni tar-rapportar
Self
Klijenti korporattivi / klijenti fil-livell tal-konsumaturi tal-istituzzjoni tar-rapportar

Xenarju E 6: L-istituzzjoni tar-rapportar bħala sors ta' finanzjament (rekwiżit ta' raggruppament)


Fix-xenarju li ġej, l-istituzzjoni tar-rapportar hija l-fornitur tal-likwidità ta' tliet SPVs jew veikoli (strutturi simili):



Reporting institution
Liquidity lines
SPV
Investors

Istituzzjoni tar-rapportar
Linji tal-likwidità
SPV
Investituri

F'każ bħal dan, l-istituzzjoni tar-rapportar stess tista' tikkostitwixxi s-sors tar-riskju (il-fattur tar-riskju sottostanti) kif rikonoxxut fil-premessa 54 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.⁸



- 1 ... negative assessment/perception of investors of liquidity situation of reporting institution
- 2 ... investors withdraw from SPV
- 3 ... liquidity lines are simultaneously drawn

→ A, B, C constitute a single risk, the reporting institution itself is the linking factor

Reporting institution
Liquidity lines
SPV
Investors
Negative assessment / perception of investors of liquidity situation of reporting institution

Istituzzjoni tar-rapportar
Linji tal-likwidità
SPV
Investituri
Valutazzjoni / perċezzjoni negattiva tal-investituri tas-sitwazzjoni tal-likwidità tal-

⁸ Il-premessa 54 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tistipula li: "Fid-determinazzjoni tal-eżistenza ta' grupp ta' klijenti relatati bejniethom u b'hekk skoperturi li jikkostitwixxu riskju waħdieni, huwa importanti wkoll li jitqiesu r-riskji li joriġinaw minn sors komuni ta' finanzjament sinifikanti pprovdut mill-istituzzjoni nnifisha, il-grupp finanzjarju tagħha jew il-partijiet relatati magħha."

Investors withdraw from SPV

A, B, C constitute a single risk, the reporting institution itself is the linking factor

istituzzjoni tar-rapportar

L-investituri jirtiraw mill-SPV


A, B, C jikkostitwixxu riskju waħdieni, l-istituzzjoni tar-rapportar stess hija l-fattur tal-konnessjoni

Fix-xenarju t'hawn fuq, ma tagħmilx differenza jekk il-linji tal-likwidità humiex direttament għall-SPV jew għall-assi sottostanti fi ħdan l-SPV; dak li jgħodd huwa l-fatt li l-linji tal-likwidità x'aktarx ser jitfasslu simultanjament. Id-diversifikazzjoni u l-kwalità tal-assi la huma kunsiderazzjonijiet f'dan ix-xenarju u lanqas dipendenza fuq l-investituri fl-istess settur (pereżempju investituri fis-suq ABCP), peress li r-riskju waħdieni jinħoloq bl-użu ta' strutturi simili u d-dipendenza fuq impenji minn sors wieħed (jiġifieri l-istituzzjoni tar-rapportar bħala l-oriġinatur u l-isponsor tal-SPVs).


Relazzjoni bejn l-interkonnettività permezz tal-kontroll u l-interkonnettività permezz tad-dipendenza ekonomika

Xenarju C/E 1: Okkorrenza tal-kontroll u tad-dipendenza ekonomika kkombinati (dipendenza f'direzzjoni waħda)

Fix-xenarju li ġej, l-istituzzjoni tar-rapportar għandha skoperturi għall-entitajiet kollha murija fid-dijagramma t'hawn taħt. A tikkontrolla A_1 u A_2 , B tikkontrolla B_1 . Barra minn hekk, B_1 hija ekonomikament dipendenti fuq A_2 (dipendenza f'direzzjoni waħda):




Rekwiżit tar-raggruppament: F'dan ix-xenarju, l-istituzzjoni tar-rapportar għandha tasal għall-konklużjoni li B_1 għandha, fi kwalunkwe każ, tiġi inkluża fil-grupp ta' klijenti konnessi ta' A (b'hekk il-grupp jikkonsisti fi A, A_1 , A_2 u B_1) kif ukoll ta' B (b'hekk il-grupp jikkonsisti fi B u B_1):




F'każ ta' problemi finanzjarji għal A, A₂ u finalment B₁ ser jesperjenzaw ukoll diffikultajiet finanzjarji għall-fini tad-dipendenza legali (A₂) u ekonomika (B₁) rispettivament. L-iffurmar ta' tliet gruppi differenti (A + A₁ + A₂, A₂ + B₁, B + B₁) ma jkunx biżżejjed biex jiġi identifikat ir-riskju li jirriżulta minn A, minħabba li B₁, minkejja li hija dipendenti fuq A₂ u għalhekk fuq A stess, titneħħa mir-riskju waħdieni ta' grupp A.

Xenarju C/E 2: Okkorrenza ta' kontroll u dipendenza ekonomika kkombinati (dipendenza fuq żewġ naħat)

F'dan ix-xenarju, id-dipendenza ekonomika ta' A₂ u B₁ mhijiex biss f'direzzjoni waħda iżda reċiproka:




Rekwiżit tar-raggruppament: A₂ tkun meħtieġa tiġi inkluża b'mod addizzjonali fil-grupp B, u B₁ tkun meħtieġa tiġi inkluża b'mod addizzjonali fil-grupp A:




Xenarju C/E 3: Kontaġju downstream

F'varjazzjoni fix-xenarju C/E 1 t'hawn fuq, B₁ tikkontrolla wkoll żewġ entitajiet (B₂ u B₃). F'dan il-każ, id-diffikultajiet finanzjarji ta' A ser jgħaddu minn A₂ u B₁ 'l isfel għaż-żewġ sussidjarji ta' B₁ ("kontaġju downstream").




Rekwiżit tar-raggruppament:




Xenarju C/E 4: Kontaġju upstream

Ir-relazzjoni ta' kontroll bejn B u B₁ ma twassalx awtomatikament għall-inklużjoni ta' B fil-grupp ta' kljenti konnessi ta' A, peress li x'aktarx il-problemi finanzjarji għall-A mhux ser jirriżultaw f'diffikultajiet finanzjarji għall-B. Madankollu, l-entità kontrollanti B teħtieġ li tiġi inkluzja fil-grupp ta' A jekk B₁ tiffirma parti importanti ħafna mill-grupp B li B tkun ekonomikament dipendenti fuq B₁. F'dan il-każ, id-diffikultajiet finanzjarji ta' A mhux ser jipproċedu biss 'l isfel iżda wkoll 'il fuq għal B, filwaqt li jikkawżaw diffikultajiet tal-ħlas għall-B (jiġifieri l-entitajiet kollha issa jiffurmaw riskju waħdieni).



Rekwiżit tar-raggruppament:



Proċeduri ta' kontroll u ta' ġestjoni għall-klijenti konnessi identifikati

Xenarju Mm 1: Limiti għall-identifikazzjoni ta' katina tal-kontaġġu

Jekk ix-xenarju t'hawn fuq (C/E 4) jiġi żviluppat ulterjorament, l-istituzzjoni tar-rapportar ikollha skoperturi għall-entità A u għall-entità B₃. biss. F'każ b'hal dan, huwa rikonoxxut li jista' ma jkunx possibbli għall-istituzzjoni tar-rapportar li ssir taf dwar il-katina tal-kontaġġu u l-grupp tal-klijenti konnessi jista' ma jiġix iffurmat b'mod korrett.

